REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 622/2008

tat-30 ta' Ġunju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 773/2004, fir-rigward ta' kif jitmexxew il-proċeduri għar-riżolviment f'każi ta' kartelli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz għal dan ir-Regolament [2],

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiċi Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 81 u 82 tat-Trattat tal-KE [3] jistabbilixxi regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'dawn il-proċedimenti.

(2) Il-partijiet għall-proċedimenti jistgħu jkunu lesti li jirrikonoxxu l-parteċipazzjoni f'kartell li jikser l-Artikolu 81 tat-Trattat u r-responsabbiltà tagħhom fir-rigward ta' din il-parteċipazzjoni, jekk ikunu jistgħu jantiċipaw b'mod raġonevoli r-riżultati previsti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-ksur tagħhom u tal-livell tal-multi potenzjali u jaqblu ma' dawk ir-riżultati. Għandha tkun possibbli għall-Kummissjoni li fejn ikun xieraq, tiżvela lil dawk il-partijiet l-oġġezzjonijiet li tkun bi ħsiebha tqajjem kontrihom, fuq il-bażi ta' l-evidenza li jkun hemm fil-fajl u l-multi li x'aktarx timponi. Żvelar bikri bħal dan għandu jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jressqu l-fehmiet tagħhom dwar l-oġġezzjonijiet li l-Kummissjoni tkun bi ħsiebha tressaq kontrihom kif ukoll dwar ir-responsabbiltà potenzjali tagħhom.

(3) Meta l-Kummissjoni tkun tirrifletti s-sottomissjonijiet tar-riżolviment lill-partijiet u t-tweġiba tal-partijiet tkun tikkonferma li d-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet tkun tikkorrispondi mal-kontenut tas-sottomissjoniiet għar-riżolviment tagħhom, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tipproċedi biex tadotta deċiżjoni skond l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Prattiċi Ristrettivi u l-Pożizzjonijiet Dominanti skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

(4) Għaldaqstant għandha tkun stabbilita proċedura ta' riżolviment sabiex tkun tista' tgħin lill-Kummissjoni ssolvi b'mod aktar veloċi u aktar effettiv il-każi ta' kartell. Il-Kummissjoni għandha marġni wiesa' ta' diskrezzjoni biex tiddetermina liema każi jistgħu jkunu addattati biex tesplora l-interess tal-partijiet f'parteċipazzjoni f'diskussjonijiet dwar riżolviment, kif ukoll biex tiddeċiedi f'liema każi tinvolvi ruħha jew twaqqagħhom jew inkella ssolvihom. Għaldaqstant, il-Kummissjoni fi kwalunkwe ħin tista' tiddeċiedi li twaqqaf għal kollox il-proċedura dwar d-diskussjonijiet għar-riżolviment għall-każ speċifiku jew fir-rigward ta' parti jew partijiet speċifiċi. F'dan ir-rigward, tajjeb li tiġi kkunsidrata l-probabbiltà li jintlaħaq ftehim komuni dwar l-ambitu ta' l-oġġettivi potenzjali mal-partijiet involuti sa skadenza raġonevoli, invista ta' fatturi bħal m'huma l-partijiet involuti, il-pożizzjoni prevista ta' konflitt dwar l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà, safejn jistgħu jiġu kkontestati l-fatti. Għandu jkun ikkunsidrat il-prospett li jinkisbu l-effiċjenzi proċedurali minħabba l-progress li sar fil-proċedura tar-riżolviment b'mod ġenerali, inkluż kwalunkwe dewmien assoċjat mar-riżorsi meħtieġa biex ikunu pprovduti l-aċċess tal-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tad-dokumenti fil-fajl. Tħassib ieħor bħalma hi l-possibiltà li jiġi stabbilit preċedent jista' wkoll jiġi kkunsidrat.

(5) Dawk li jagħmlu l-ilmenti għandhom ikunu assoċjati mill-qrib ma' proċedimenti għar-riżolviment u jistgħu jkunu debitament informati bil-miktub dwar in-natura u l-materja tas-suġġett tal-proċedura ħalli jgħinhom jagħtu l-fehmiet tagħhom dwarhom u b'hekk jikkooperaw ma' l-investigazzjoni tal-Kummissjoni. Madanakollu, fil-kuntest partikolari ta' proċedimenti għar-riżolviment, jekk tingħata verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet din ma tilħaqx l-iskop li tgħin lil min ikun qed jagħmel l-ilment biex jikkoopera ma' l-investigazzjoni tal-Kummissjoni u tista' tiskoraġġixxi lill-partijiet għall-proċedimenti milli jikkooperaw mal-Kummissjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni m'għandhiex tkun obbligata li tipprovdi verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet lil min qed jagħmel l-ilment.

[1] ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1419/2006 (ĠU L 269, 28.9.2006, p. 1).
[2] ĠU C 50, 27.10.2007, p. 48.
[3] ĠU L 123, 27.04.2004, p. 18. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1792/2006 (ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1).

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 773/2004 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 773/2004 hu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej

"1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tibda proċeduri bil-ħsieb li tadotta deċiżjoni skond il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fi kwalunkwe żmien, imma mhux iktar tard mid-data li fiha hija toħroġ stima preliminari kif jirreferi għaliha l-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament jew dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet jew id-data li fiha avviż skond l-Artikolu 27(4) ta' dak ir-Regolament ikun ippubblikat, skond liema tkun id-data l-iktar kmieni."

2. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Kummissjoni toħroġ dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet marbuta ma' materja fir-rigward ta' ilment li tkun irċeviet, hi għandha tipprovdi lil min jagħmel l-ilment b'kopja tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, ħlief f'każi fejn tkun tapplika l-proċedura għar-riżolviment fejn il-Kummissjoni għandha tinforma bil-miktub lil min jagħmel l-ilment dwar in-natura u l-materja tas-suġġett tal-proċedura. Il-Kummissjoni għandha wkoll tistabbilixxi skadenza li fiha min ikun qed jagħmel l-ilment għandu jagħti l-fehmiet tiegħu bil-miktub. "

3. Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-partijiet ikkonċernati bl-oġġezzjonjiet imressqa kontrihom. Id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet għandha tiġi nnotifikata bil-miktub lil kull waħda mill-partijiet li kontrihom ikunu qed jitressqu l-oġġezzjonijiet."

4. Għandu jiddaħħal l-Artikolu 10a li jmiss:

"Artikolu 10a

Proċeduri għar-riżolviment f'każi ta' kartelli

1. Wara li jibdew il-proċedimenti skond l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi skadenza li fiha l-partijiet jistgħu jindikaw li huma lesti li jidħlu għal diskussjonijiet għar-riżolviment bil-ħsieb li possibilment ikunu introdotti s-sottomissjonijiet għar-riżolviment. Il-Kummissjoni m'għandhiex tkun obbligata tikkunsidra t-tweġibiet riċevuti wara l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien.

Jekk żewġ partijiet jew aktar ta' l-istess impriża jindikaw li jkunu lesti li jidħlu għal diskussjonijiet għar-riżolviment skond l-ewwel subparagrafu, huma għandhom jaħtru rappreżentant konġunt biex f'isimhom jidħol għad-diskussjonijiet mal-Kummissjoni. Meta tkun qed tistabbilixxi l-limitu taż-żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha turi b'dan lill-partijiet rilevanti li huma identifikati fi ħdan l-istess impriża, bl-iskop uniku li tgħinhom ikunu konformi ma' din id-dispożizzjoni.

2. Il-partijiet li jkunu qed jieħdu sehem fid-diskussjonijiet għar-riżolviment jistgħu jiġu infurmati mill-Kummissjoni b':

(a) l-oġġezzjonijiet li tkun qed tipprevedi li tressaq kontrihom;

(b) il-provi użati biex ikunu determinati l-oġġezzjonijiet previsti;

(c) verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' kwalunkwe dokument speċifiku aċċessibbli elenkat fil-fajl tal-każ f'dak il-mument partikolari, safejn talba tal-parti tkun iġġustifikata bl-iskop li tgħin lill-parti taċċerta l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-perjodu ta' żmien jew ta' kwalunkwe aspett ieħor dwar il-kartell; kif ukoll

(d) il-firxa tal-multi potenzjali.

Din l-informazzjoni għandha tkun kunfidenzjali *vis-à-vis* l-partijiet terzi, ħlief meta l-Kummissjoni tkun tat awtorizzazzjoni espliċita minn qabel għall-iżvelar.

Jekk isir progress fid-diskussjonijiet għar-riżolviment, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih il-partijiet jistgħu jkunu kommessi jsegwu l-proċedura għar-riżolviment billi jressqu sottomissjonijiet għar-riżolviment li jirriflettu r-riżultati tad-diskussjonijiet dwar ir-riżolviment u jirrikonoxxu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur ta' l-Artikolu 81 tat-Trattat kif ukoll ir-responsabbiltà tagħhom. Qabel ma l-Kummissjoni tistabbilixxi l-limitu taż-żmien biex il-partijiet ikkonċernati jressqu s-sottomissjonijiet, dawn fi żmien xieraq għandhom ikunu intitolati li tingħatalhom l-informazzjoni mitluba minnhom kif speċifikat fl-Artikolu 10a(2), l-ewwel subparagrafu. Il-Kummissjoni m'għandhiex tkun obbligata tikkunsidra sottomissjonijiet miktuba riċevuti wara l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien.

3. Meta d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet innotifikata lill-partijiet tkun tirrifletti l-kontenut tas-sottomissjonijiet għar-riżolviment, it-tweġiba bil-miktub għad-dikjarazzjoni ta' oġġezzzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni, għandha tikkonferma li d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet indirizzata lilhom tkun tirrifletti l-kontenut tas-sottomissjonijiet tagħhom għar-riżolviment. Il-Kummissjoni tista' imbagħad tipproċedi biex tadotta deċiżjoni skond l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Prattiċi Ristrettivi u l-Pożizzjonijiet Dominanti skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

4. Il-Kummissjoni fi kwalunkwe ħin tista' tiddeċiedi li twaqqaf għal kollox il-proċedura dwar d-diskussjonijiet għar-riżolviment għall-każ speċifiku jew fir-rigward ta' parti jew partijiet speċifiċi involuti, jekk din tikkunsidra li aktarx li ma jinkisbux l-effiċjenzi proċedurali".

5. L-Artikolu 11(1) jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li lilhom tindirizza dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet l-opportunità li jinstemgħu qabel ma tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv li jirreferi għalih l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003."

6. L-Artikolu 12 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

1. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li lilhom tkun indirizzat dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f'seduta orali, jekk huma jitolbu dan fis-sottomissjonijiet miktuba tagħhom.

2. Madankollu, meta jippreżentaw is-sottomissjonijiet għar-riżolviment tagħhom, il-partijiet għandhom jikkonfermaw lill-Kummissjoni li jinħtieġu biss li jingħataw l-opportunità biex jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f'seduta orali jekk id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ma' tikkonfermax il-kontenut tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom għal riżolviment."

7. Il-paragrafu 1a li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 15:

"1a. Wara li jibdew il-proċedimenti skond l-Artikolu 11(6) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 u sabiex tkun tista' tgħin lill-partijiet li jkunu lesti li jressqu s-sottomissjonijiet għar-riżolviment biex jagħmlu dan, il-Kummissjoni għandha tinfurmahom bil-provi u d-dokumenti deskritti fl-Artikolu 10a(2) fuq talba u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi rilevanti. Fid-dawl ta' dan, meta jippreżentaw is-sottomissjonijiet miktuba tagħhom għal riżolviment, il-partijiet għandhom jikkonfermaw lill-Kummissjoni li ser jinħtieġu biss aċċess ulterjuri għall-fajl jekk id-dikjarazzjoni ta' l-oġġezzjonijiet ma' tikkonfermax il-kontenut tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom għal riżolviment."

8. L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Fl-istabbiliment ta' limiti ta' żmien li jipprovdu għalihom l-Artikolu 3(3), l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 6(1), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 10(a)1, l-Artikolu 10(a)2, l-Artikolu 10a(3) u l-Artikolu 16(3), il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kemm iż-żmien meħtieġ għall-preparazzjoni tas-sottomissjoni u għall-urġenza tal-każ."

(b) Il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Il-limiti ta' żmien li jirreferu għalihom l-Artikolu 4(3), l-Artikolu 10a(1), l-Artikolu 10a(2) u l-Artikolu 16(3) għandhom ikunu ta' mill-inqas ġimagħtejn. Il-limitu taż-żmien imsemmi fl-Artikolu 3(3) għandu jkun ta' mill-anqas ġimagħtejn, ħlief għas-sottomissjonijiet għar-riżolviment, li għalihom iridu jsiru l-korrezzjonijiet fi żmien ġimgħa. Il-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 10a(3) għandu jkun ta' mill-anqas ġimagħtejn."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni